MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2008

Numru. 689/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRA ZAMMIT**

**KONTRA**

**CARLO DEBONO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carlo Debono , bin Francis u Margaret nee' Chircop, mwieled nhar il- 21 ta' Awwissu 1977, u residenti fil- fond 2, Triq Stanislaw Gatt, Qormi, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 438277(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fis- 26 ta’ Gunju 2008 ghall habta tan- 12.30am u 1.00am gewwa Triq il- Wied, Qormi ikkommetta serq ta’ zewg barriers tal- Pulizija ta’ Malta, liema serq huwa kkwalifikat bil- lok u bil- hin u li sehh ghad- detriment tal-Gvern ta’ Malta;

2) U aktar talli fl- istess data, ghall- habta tas-2.00am, gewwa No. 5, Triq Santa Katerina, Qormi kellu fil-pussess tieghu zewg barriers tal- Pulizija ta’ Malta li kellhom xi marka jew sinjal li juru li dawk iz- zewg barriers huma propjeta’ tar- Repubblika ta’ Malta u li hu kien jaf li huma proprjeta’ tar- Repubblika ta’ Malta, li l- awtorita’ kompetenti ma tghatux permess bil- miktub sabiex ikun jista’ jiddisponi minnhom.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz hu wiehed ta’ portata zghira fil-fehma tal-Qorti, izda hu sinjifikanti, u hu risultat ta’ attitudni pjuttost komuni f’pajjizna. Irrisulta li l-imputat, fis-satra tal-lejl, seraq zewg barriers tal-pulizija biex, skond hu, jaghlaq parti mit-triq quddiem id-dar tieghu halli l-ghada fil-ghodu jkun jista’ jizbogh il-faccata tal-istess dar u jpoggi l-barriers biex il-karozzi ma jdurux ghal fuqu u ghal fuq l-armar u s-sellum tieghu. Dan l-agir hu inaccettabbli. Hadd ma jista’, ghax hekk jidhirlu, jiehu oggetti proprjeta’ tal-Gvern, jaghmel uzu minnhom, u wara min jaf x’isir minnhom, l-aqwa li jkun inqeda. Il-Qorti hi tal-fehma li hawn atitudni

f'pajjizna li qisu ghandna xi dritt sovran nuzaw il-proprjeta' pubblika ghall-iskopitiet taghna biex ninqdew. Ghandna bzonn notghallmu lkoll kemm ahna li biex tghix f'socjeta' trid tirrispetta l-proprjeta' ta' kulhadd, inkluz tal-Gvern, u hadd m'ghandu dritt jaghmel uzu personali minn proprjeta' pubblika, li qieghedha hemm ghas-servizz ta' kulhadd. B'dana kollu, l-imputat inqabad mal-ewwel, u l-oggetti mehuda minnu gew ritornati minnufih, u hu ikkoopera mal-pulizija bis-shih. Il-Qorti tispera li din isservi ta' taghlima ghall-imputat li ma jergax "jissellef" hwejjeg tal-Gvern ghall-kumdita' tieghu.

Ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni, din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel, u ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 269, 270, u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel;
Issib lil imsemmi imputat hati tal-ewwel imputazzjoni, u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------